# Tal-Bajjada

L-Isqaq ta' Sardinja, fuq naħa ħajt għoli li l-mibki missieri kien jgħidli li kien jiftakru mibni bil-ħaġar. Fuq naħa oħra ħajt baxx. Il-mixja tal-Ħadd filgħodu. Għalqa li tmiss mal-ħajt il-baxx kellha żewġ ġebliet megalitiċi fil-wiċċ. Ta' Sardinja kienet tibda mill-għelieqi fi Triq Santa Marija sa fejn illum hemm it-toroq George Caruana u Ta' Sardinja.

Fis-27 ta' Marzu 1643, Luca Cassar, bin Pauluccio u Guagliarda Agius Galtier u martu Betta Rogiles bint Andrea u Perna Cassar għamlu t-testment tagħhom quddiem in-nutar Salvatore Busuttil li ġie fid-dar tagħhom. Betta kienet fuq is-sodda tal-mewt.[1] Il-koppja Cassar, permezz ta' kitbiet taż-żwieġ, kienu diġà taw art lil uliedhom li kienu żżewġu. Fit-testment ħallew lil uliedhom bniet Katerina u Domenicalla, li kienu għadhom taħt l-età, żewġ biċċiet art magħrufa bħala *El Bajada*. L-art kienet tmiss ma' biċċiet oħra diġà f'idejn uliedhom l-oħra.[2]

Don Joannis Luca Fenech bin Domenico min-Naxxar b'testment li għamel f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1697, quddiem in-nutar Lucio Mancini u li nfetaħ wara mewtu fis-6 ta' Awwissu 1699 ħalla lil ħuh Orazio Fenech għal matul ħajtu *li frutti de luoghi quindici del monte Restorato*. Wara, dan il-ġid kellu jgħaddi lil *Compagnia del S.S. Rosario del Casale Naxaro mia Patria* u l-frott tagħhom ta' kull sena għal dejjem jingħataw flus biżżejjed biex jiżżewġu żewġ tfaljiet minn Naxxar. Il-ġid seta' jinbiegħ, ġid ieħor seta' jinxtara floku. L-ismijiet tat-tfajliet kellhom jitilgħu bix-xorti quddiem il-Prokuratur tal-Kumpanija u l-Kappillan tan-Naxxar. Fost il-ġid ta' dan il-legat taż-żwieġ kien hemm *clausura tal-Bajjada nel Tarxien*. Il-Kurja Arċiveskovili Maltija talbet kopja ta' dan it-testment mill-*Archivio di Stato* f'Ruma u l-kopja saret fil-15 ta' Frar 1919, iktar minn mitejn sena wara li kien infetaħ it-testment. Iċ-ċens fuq l-art kien tal-knisja, il-frott tal-legat taż-żwieġ.[3]

Iż-żmien jgħaddi u tiġi l-bidla. Fit-2 ta' Diċembru 1731, Nicola Zahra bin Vincenzo u Giobatta Fenech bin il-mejjet Domenico, it-tnejn joqogħdu Ħal Tarxien, marru l-Belt għand in-Nutar Pietro Paolo Natali. Hemmhekk għamlu kuntratt fejn ingħataw b'ċens perpetwu ta' 19-il skud fis-sena, mir-Reverendu Raimundus Buonvicinus f'isem Donna Leonora Testaferrata għalqa fil-qasam *Ta' seuca, il scac tal Baida appellata tal Alard*. Mal-kuntratt ġiet mehmużha pjanta li turi li l-għalqa kienet tmiss min-nofsinhar ma' ġid tal-*Veneranda Assemblea*, mill-punent ma' ġid ta' Domenico Calleja u maċ-Ċimiterju u mal-imsemmija Veneranda Assemblea, mit-tramuntana ma' ġid tar-Reverendu Diego Proga (?) u mil-Lvant ma' ġid tal-baruni Ingwanez u ma' daħla għall-għalqa. Ħasra li ma nkitbitx b'mod ċar kemm kien fiha tmiem l-għalqa (4 jew 6)[4]. Qarib ta' Buonvicinus kien jiġi Ħal Tarxien u jagħmilha ta' xhud fit-tiġijiet[5].



Fl-10 ta' Lulju 1911 quddiem il-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar u x-xhieda Francesco u Aloisio aħwa Zahra, Giomarija Spiteri minn Ħaż-Żabbar bin Felice u Marianna mwielda Spiteri żżewweġ lil Katerina bint Mikiel Xuereb u Marianna mwielda Scicluna, imwielda Ħaż-Żabbar[6]. Sebat ijiem qabel l-għarajjes u l-ġenituri tagħhom għamlu kitba taż-żwieġ fid-dar 42, Triq Santa Domenica Ħaż-Żabbar quddiem in-nutar Giobatta Sajdon. Missier u omm Giomarija Spiteri għaddew lil binhom *La Clausura sita in Casal Tarscen entro l vicolo appellata di Sardigna consistente in due lenze della capacità di tumoli otto.*[7]

B'kuntratt fl-atti tan-Nutar tal-Gvern Michele Luigi Casolani tat-28 ta' Novembru 1917[8], il-gvern ħa mingħand Giomarija Spiteri "l-art magħrufa bħala l-Bajjada jew tal-Erwieħ fit-truf ta' Ħal Tarxien tad-daqs ta' tmint itmiem u erba' miżuri li kienet tmiss mil-lvant ma' sqaq magħruf bħala ta' Sardinja min-nofsinhar ma' art ta' Karmelo Bonavija u mal-artijiet magħrufa bħala tal-Borg". Il-gvern ried l-art biex jgħaqqadha mat-Tempji li Temi Zammit kien sab f'Tal-Borg li dejjem kienet proprjetà tal-gvern. Flokha Spiteri ngħata art li tiswa daqsha f'Bulebel iż-Żgħir fit-truf ta' Ħaż-Żabbar qrib fejn illum hemm mitħna. Fuq il-kuntratt deher ukoll il-Kanonku Salvatore de Conti Manduca, billi ċ-ċens li dejjem jissemma kien għadda f'idejn il-knisja. Iż-żewġ artijiet kienu jiswew 195 lira sterlina u 5 xelini.

Il-Kuntratt tat-28 ta' Novembru 1917 isemmi l-atti kollha l-oħra barra t-testment tas-27 ta' Marzu 1643 li bih bdejt dan l-artiklu. L-art suppost hija l-istess waħda għalkemm il-kejl mhux dejjem qed jaqbel minkejja l-pjanti.

Aktarx li Sardinja kienet għall-bidu għalqa żgħira, imma wara l-isem beda jintuża għall-qasam kbir.

(*Ħajr lil Dun Karm Farrugia, Lorenzo Zahra, Tarcisio Deguara, Paul Camilleri u Gaetano Desira li għinuni fil-ġbir ta' dokumenti*).

1 Luca Cassar (1572–1659) kien minn Ħal Tarxien u martu Betta Rogiles (mietet 1643) kienet minn Għawdex. Kellhom 13-il wild li minnhom erba' mietu trabi. Il-koppja hi midfuna fil-Kappella tar-Rużarju Ħal Tarxien. (ara l-Arkivji Parrokkjali).
2 Arkivji Notarili R.103/9 p. 819v – 824 Nutar Salvatore Busuttil.
3 Legato Gio Luca Fenech Vol. 103 Curia Archivescovile – Ufficio Legati di Maritaggio.
4 Arkivji Notarili R.380/27 p. 152v – 160. Alard jew Arnald huwa isem. Qabbel ma' Rjàllu u Gallu li jinsabu l-Fgura u ara Godfrey Wettinger, Place Name of the Maltese Islands PEG Ltd p. 290.
5 Arkivju Parrokkjali Tarxien Liber Conjugatorum 2 p. 23T u p. 57. Nicola Zahra iben waħdieni ta' Vincenzo u Marija twieled fil-25 ta' Jannar 1699 u miet fil-25 ta' Novembru 1767. Bużnannuh Lazzaro Zahra minn Raħal Ġdid miet fit-3 ta' Awwissu 1680 ta' madwar 70 sena *nella strada della Citta Vecchia vicino Santo Martino* (Liber Mortuorum 2 p. 176) Giobatta Fenech bin Domenico u Marija twieled Raħal Ġdid fid-19 ta' Ġunju 1692 Liber Baptizatorum nru 2). Miet fil-5 ta' Awwissu 1773 (Liber Mortuorum 3, 4, mhux enumerat) Iżżewweġ lil Margerita Vella bint Gratio u Ursula minn Ħal Tarxien fil-25 ta' April 1723. (Liber Conjugatorum 3 p. 56 v.)
6 Arkivji Parrokkjali, Ħaż-Żabbar. Marianna Spiteri bint Benedettu u Marija Ciantar twieldet Ħal Tarxien fis-16 ta' Mejju 1864 u żżewġet lil Felice Spiteri bin Carmelo u Rosa Maria Bianco fl-10 ta' April 1883. Il-familja Spiteri hija maqsuma f'żewġ friegħi ewlenin, waħda toqgħod Ħal Tarxien u l-oħra toqgħod Ħaż-Żabbar (Liber Baptizatarum 7, p. 274 u Liber Conjugatorum 8 p. 168).
7 Arkivji Notarili R. 95/1053 att numru 239 Nutar Giobatta Sajdon.
8 Arkivji Notarili R. 280/gov, att nurmu 283 Nutar Michele Luigi Casolani.

**il-Maġistrat Joe Cassar**

Annunziata Stationery

**11/13, Żejtun Road, Tarxien**

Tel: 2180 0933 • Mob: 7900 4652

***Local & Foreign Newspapers, Stationery, Toys, Gifts, Cards, Photocopying, Binding, Detergents and Haberdasheries***

Pharlap Ironmongery

**Xintill Street, Tarxien**
**Tel: 2167 7711**

Jagħti l-festa t-tajba lit-Tarxinizi kollha u jfakkarhom li għandu kull xorta ta' oġġetti għall-*plumbing* u elettriku fid-dar kif ukoll kiri ta' *mixers, jiggers u generators*

**OVER 5000 COLOURS AVAILABLE**